MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 1437/2011

Il-Pulizija

(Spettur Rodrick Agius)

vs

Robert Theuma

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 566687(m) akkuzat li fit-23 ta' Novembru 2011 ghal habta tal-11.15am gewwa Triq l-Imdina, Zebbug:

1. b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna offizi gravi fuq il-wicc ta' Christopher Gatt hekk kif iccertifikat minn Dr Joseph Mifsud (Med.reg 3291) mill-Isptar Mater Dei;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti hassar jew ghamel hsara fir-rota ta' Christopher Gatt liema hsara fuq ir-rota u l-helmet tammonta ghal madwar 5000euro ghad-detriment ta' Christopher Gatt;
3. Fl-istess data, hin u lok saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROB870 b'manjiera traskurata;

4. Fl-istess data, hin u lok saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ROB870 b'manjiera perikoluza;

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija jigu sospizi il-licenzi tas-sewqan ghall-perjodu u zmien li l-Qorti jidrilha.

Rat it-talba tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident stradali li gara f'Triq l-Imdina, Zebbug, bejn karozza stazjonarja u ciklist. Il-fatti li johorgu mill-provi huma li l-imputat fil-gurnata u hin riportati fl-akkuza kien qed jisuq il-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni ROB 870 mit-triq 'de quo' fid-direzzjoni tar Rabat. Minhabba li sema' hoss inuswali provenjenti mill-vettura tieghu, resaq mal-gemb, xeghel l-'hazard lights' u niezel jispezzjona s-sors tal-hoss. Intebbah li kien gej ciklist fil-korsja li fiha kien wieqaf. Ghamel tentattiv biex jattiralu l-attenzjoni izda dan baqa' diehel fuq wara tal-vettura bil-konsegwenza li c-ciklist garrab feriti ta' natura gravi.

L-imputat jinsab akkuzat li b'imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti irrenda ruhhu responsabbli ghal tali griehi sofferti fill-persuna tac-ciklist, ghad-danni sofferti fir-rota tieghu wkoll b' sewqan traskurat u perikoluz.

Il-provi pero' huma skjetti tant li ma jhallu ebda ombra ta' dubbju mhux biss li l-imputat kien stazjonarju fuq il-margini tat-triq izda li c-ciklist kien qieghed isuq ir-rota tieghu b'rasu baxxuta non-kuranti ghal xi ostakolu li setgha jimpedilu l-mixja tieghu. Fi kliem iehor ma kienx qieghed izomm 'proper look out' fil-hin li kien qieghed isuq ir-rota tieghu fit-triq u di piu' meta m'hemm ebda riserva li dik il-parti tat-triq kienet intiza jew taghti precedenza lill-persuni jsuqu rota.

Ghalkemm tal-griehi sofferti mic-ciklist hemm ix-xhieda tat-tabib u l-konsegwenti certifikat mediku (folio 12 et seq) il-Qorti la ghandha ix-xhieda tac-ciklist li fl-ebda stadju ma offra x-xhieda tieghu u lanqas ghandha prova tal-entita' tal-hsara li garbet ir-rota.

Madanakollu, il-Qorti frankament ma tarax li hu l-imputat li ghandu jinzamm responsabbli tal-incident u l-konsegwenti griehi u hsara sofferti mic-ciklist. Fic-cirkostanzi tal-fatti u l-provi prodotti anka permezz ta' xhieda okkulari abbinat mal-prova tal-velocita' li biha kienet qed tinstaq ir-rota, il-Qorti tafferma li l-incident ma garax b'xi tort tal-imputat izda semmai b'tort tac-ciklist.

Ghalhekk, tiddecidi li tillibera l-imputat minn kull htija u piena.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------